# Pape Satan Aleppe ...

*Kummiedja f'Att Wieħed ta'* ALBERT M. CASSOLA
*(Jaqbad mal-għadd ta' Marzu, 1949)*

SANTINU : Ħalli npoġġi bil-qiegħda. Lanqas offrejtli siġġu.

LUĊIFRU : Hawn m'għandniex siġġijiet. Aħna ma npoġġux bil-qiegħda. Ma nistrieħu qatt. Ħadd ma jista' jistrieħ... ħlief il-prinċep u kap. Kulma hawn, kif tara, huwa t-tron tiegħi biss.

SANTINU : Mela noqgħod fuq it-tron.

LUĊIFRU : Le. Dak tiegħi biss. Mnejn sa fejn?

SANTINU : Jien m'iniex sudditu tiegħek. Jien invitat.

LUĊIFRU : Invitat kif? Invitat xejn.

SANTINU : Għedtuli int stess li jien mistieden. Mhux tassew li xtaqtni niġi hawn lili? Tant huwa hekk li bgħatt lil dak ix-xitan biex ikaxkarni miegħu.

LUĊIFRU : Iva. Imma jien ridtek hawn għal dejjem.

SANTINU : U jiena ġejt għal ftit. Viżta tal-morda. Żjara ta' tabib. Insomma trid taf għalfejn ġejtek hawn?

LUĊIFRU : Dan żgur li rrid. Fittex aqtagħli l-kurżità.

SANTINU : Jien ġejt, kif diġà għedtlek, biex nara lil dak id-demonju li kien hawn ħdejna hux qiegħed żgur fl-infern. Jiġifieri f'postu. Ngħidlek għaliex, Dak, kif naturalment qallek, kien ħabib tiegħi meta jiena u hu konna għadna t-tnejn fid-dinja.

LUĊIFRU : Daqshekk qaluli. U qalli wkoll li int ittradejtu. Li kellek grazzja ma' martu u li kont tħobbha.

SANTINU : Stenna daqsxejn. Ħallini ngħid jien. Għandek tkun taf qabelxejn li d-dinja li int ma tafx biżżejjed xi ssarraf għax qatt ma għext fiha bħalna, ma hija la ġenna u lanqas infern. Id-dinja hija dak li jagħmilha l-bniedem. Jiġifieri l-bniedem jista' jibdel id-dinja f'ġenna jew f'infern.

LUĊIFRU : Għalija aħjar jibdilha f'infern.

SANTINU : Konvint. Fil-fatt, il-bniedem huwa hekk iblah u hekk stupidu u ġidra li jikkuntenta xitan bħalek.

LUĊIFRU : Għidhieli f'wiċċi.

SANTINU : Mela. Ma nsemmilekx kemm il-bniedem joħloq ġlied

u gwerer u għawġ meta bi ftit tar-rieda tajba jista' jevitahom. Imma nżommu ruħna għall-kas tagħna biss. Dana ġara hekk. Jiena, dak id-demonju (*għal DEMONJU*) u l-mara tiegħu—meta konna għadna lkoll niġru fid-dinja—konna tlitt iħbieb mill-aħjar. Veri ħbieb tal-qalb. Ha, żomm il-palju għax issa bridt. U toqgħodx iċċaqlaq dik il-foxxna għax jekk tolqotni ħażin għalik.

LUĊIFRU : (*li jkun ħa l-palju u warrbu*) Din il-foxxna hija s-simbolu tas-setgħa tiegħi.

SANTINU : Imma fuqi m'għandek l-ebda setgħa. Neħħiha minn idejk.

LUĊIFRU : Tajjeb ukoll : kollox kif trid int. Kompli għidli.

SANTINU : Iva. Kont qiegħed ngħidlek, mela, li jien, dak id-demonju u martu konna tlitt iħbieb kbar. Konna mmorru għand xulxin, noħorġu flimkien, niltaqgħu barra... Insomma. Darba waħda dan id-demonju ma nafx x'tah : xi ħadd li jobogħdu daħħallu f'rasu li jien raġel ħażin u nagħmel għan-nisa ta' l-oħrajn; u dan twebbel li jiena qiegħed nagħmel għall-mara tiegħu. Tagħtu rasu u beda jħossa... l-istess kif inhi l-lum ! Issa jiena ngħidlek li għalija huwa kien tas-sew l-ikbar ħabib tal-qalb.

LUĊIFRU : B'daqshekk ma jfisser xejn, għaliex hawn ġew għandi miljuni li ħadu s-sudditanza infernali ap-puntu għax kienu jagħmlu għan-nisa ta' l-oħrajn. U l-biċċa l-kbira ssibhom li dawn kienu kollha l-ikbar ħbieb tal-qalb ta' żewġ il-mara li huma jħobbu. Anzi sewwa sew bis-saħħa tal-ħbiberija kbira mar-raġel jirnexxilhom jagħmlu ħbiberija ikbar mal-mara ta' dak ir-raġel ! Jiġifieri għadek ma għedt xejn, anġolettu.

SANTINU : Tħallatx ħaġa ma' l-oħra. Jiena lil Luċifru nafu b'demonju intelliġenti.

LUĊIFRU : Hemm fuq ukoll issibuni b'hekk? X'fama sabiħa !

SANTINU : Ifhimni sewwa. Il-kas li qed issemmi int huwa veru, verissimu; imma kas komuni ferm. Però preċiżament minħabba li dan il-kas huwa tant komuni, il-kas l-ieħor li fih nidħlu jien, dan id-demonju u

martu għalkemm m'huwiex rari però huwa r-riżultat ta' min jaħseb ħażin għaliex huwa ħażin minnu. Nieħdu eżempju. Min jagħmilha miegħek x'tistenna li jkun? Demonju bħalek, naturalment. Issa jien stess li bħalissa qed inkellmek f'darek, jiena demonju wkoll? Le! Jiena anġlu tas-sema. Sieħeb il-kerubini u s-serafini. U min jaħsibni demonju—kif fil-bidu ħsibtni bil-għerf tiegħek kollu anke int—ikun qiegħed jaħseb ħażin. U jkun qiegħed jaħseb ħażin appuntu għaliex ikun ħażin hu!...

LUĊIFRU : Għalija qed tgħid?......

*(Jissokta)*